MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Numru. 492/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**
**vs**
**John Restall**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John Restall** ta’ 54 sena, bin Victor u Mary nee’ Muscat, imwieled Sliema nhar l-1 ta’ Settembru, 1950 u residenti 35, ‘Mondonio’, Triq Luzju, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 713550 M;

Talli nhar is-27 ta’ Lulju, 2002 u matul ix-xhur ta’ qabel gewwa l-fond 35 ‘Mondonio’, Triq Luzju, Sliema, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnek fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala sid il-post jew bhala persuna li kellek f’idejk l-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa

ikkommettejt serq ta’ kurrent elettriku, minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur. Talli ukoll fl-istess data, zmien u cirkostanzi, volontarjament hassart ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kissirt jew ghamilt hsara f’dan l-apparat, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lil hati jhallas l-ispejjez peritali ghat-terminu ta’ l-artikolu 533 tal-Kodici.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni f’din il-kawza jakkludu process verbal anness ta’ inkjesta dwar meter tad-dawl allegatament imbaghbas fil-fond 35, Triq Monodonio Luzio, Sliema fis-27 ta’ Lulju 2002 fejn l-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti kien ghamel u prezenta relazzjoni tieghu. In succint, l-espert tekniku kien ikkonstata illi dan il-meter tad-dawl huwa stallat internament wara bieb b’zewg tebqiet. Zewg boltijiet li jinsabu wara l-bieba li fiha s-serratura jahbtu mal-istess meter u cioe’ mal-ghata tal-arlogg tad-dawl li kien qed jirregistra l-konsum meta saret l-inkjesta. Bicca mill-ghata tal-meter kienet imkissra u tinsab gewwa l-istess meter. F’din il-bicca ghata miksura kien hemm toqba u meta’ tqiehed l-bicca mkissra f’postha jirrizulta li t-toqba tigi bi dritt ix-xifer tat-Tally Plate [d-diska rotanti tal-arlogg] u fuq din kien hemm brix. In konkluzzjoni l-espert tekniku rrelata li l-imputat huwa responsabbli mill-meter *de quo*; li

l-hsarat huma minimu u li ma kienx maghruf l-ammont ta' kurrent elettriku li setgha nsteraq permess li l-arlogg kien hekk mikxuf kawza tal-ksur fil-ghata tieghu u t-toqba bi dritt it-Tally Plate.

Rapprezentant tal-Korporazzjoni EneMalta xehed u esebixxa kontijiet tad-dawl tal-imputat fl-indirizz fejn instab dan l-arlogg bl-ghata miksur. Huwa qal li meta tipparaguna l-kontijiet qabel u wara li kien skopert il-ksur fil-meter irrizulta li ma kienx hemm varjazzjoni u ghalhekk l-Korporazzjoni ma kellha ebda pretensjoni kontra l-imputat li hallas ghal hsara fizika li kien hemm fl-istess meter.

Haddiem tal-Korporazzjoni xehed illi kien acceda ghand l-imputat biex jibdillu l-meter li kellu sigilli tajbin u kien jirregistra l-konsum u kien innota toqba mal-faccata tieghu.

L-Ispettur Keith Arnaud xehed illi meta sarlu r-rapport min nies tal-EneMalta kien acceda fuq il-post, ra l-meter mkisser kif ukoll it-toqba mal-faccata u l-imputat infurmah illi hu kien ilu jabita hemm mill-1990 u dahal wara li mietet ommu la darba l-fond kien mes lilu.

L-imputat xehed sia waqt l-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti u qal li gie jghix lura Malta fl-1990 u fl-1994 dahal jghix fil-fond wara l-mewt ta' ommu. Il meter kien inbidel xi zmien qabel ma wasal lura Malta. Dan il-meter kien jisporgi wisq 'l barra u beda jaqla' daqqiet mill-parti ta' wara tal-habbata. Huwa kien informa lill-meter reader li kienet qed issir l-hsara u fl-ahhar dan tkisser u l-meter reader infurmah li kien ser ikollu jirraporta l-incident. Huwa jichad li dan il-meter kellu toqba irqieqa u kull ma jista' jitkellem dwaru huwa t-toqba kagun tal-bolt tal-habbata.

Ikkonsidrat:

Illi f'kawzi ta' din in-natura hemm il-prezunzjoni *juris tantum* kontra l-imputat li jehtieg jipprova fil-grad anke tal-probabbli, li hu ma kienx responsabbli mill-akkadut. Illi

mill-ezami tal-provi jirrizulta bla ebda dubju illi l-hsara konsisti fi ksur tal-meter saret bit-tahbit kontinwu tal-bolt tal-habbata tal-bieb ta’ barra. Dak li qed jippreokkupa lill-prosekuzzjoni, izda, huwa l-fatt li l-bicca miksura kienet tinkludi toqba zghira li tigi bi dritt tat-Tally Plate li ukoll kellu brix fuqu, haga li tissurgerixxi li kien qed isir xi haga biex dan it-Tally Plate ma jirregistrax il-konsum kif suppost. Jirrizulta, izda, illi l-imputat ma tantx ilu joqghod fil-fond kif ukoll illi l-meter reader qatt ma induna b’din it-toqba fil-faccata tal-meter ghaliex bhalma informa lill-imputat li kien ser ikollu jirrapurtah meta nnota l-ksur hekk ukoll kien jirrapurtah kieku innota t-toqba fi zmien qabel. Di piu’ mill-kontijiet tad-dawl esebiti jirrizulta konfermat mir-rapprezentant tal-korporazzjoni EneMalta illi ma kien hemm l-ebda kambjament fil-kontijiet tad-dawl sia qabel kif ukoll wara li inbidel il-meter. Dan ifisser illi l-brix misjub fuq it-Tally Plate u l-frak tal-grif, kif ukoll it-toqba irqiqa ghandhom provenjenza mhix konnessa mal-imputat.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------